**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 91/07**

Nhar it-TLIETA 12 TA' FRAR 2019 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Assenti* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

91.1 Introduzzjoni mis-Sindku;
91.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2018;
91.3 Tmiem tal-laqgħa.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

1 **Introduzzjoni mis-Sindku**

i. Is-Sindku s-Sur Paul Farrugia filwaqt li ta merħba lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Ramon Cutajar u talbu sabiex jagħti spjegazzjoni *tal-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2018.

2 **Approvazzjoni tal-Unaudited *Financial Statements* 2018**

i Is-Sur Cutajar beda billi spjega li din is-sena kienet ikkaratterizzata bis-*settlement* fil-kontijiet ta' xogħol relatat mal-PPP mal-Kuntrattur Vella Grupp.

ii Is-Sur Cutajar kompla jispjega li s-sena li għadha kemm intemmet reġa kien hemm tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż tal-Operat tal-Kunsill. Bħala sena kienet pożittiva u l-Kunsill għamel dak li jissejjaħ *Accounting Profit*. Dan jirriżulta peress li l-Kunsill kellu iktar dħul ta' flus milli spejjeż.

iii. Is-Sur Cutajar qal li s-saħħa tal-Kunsill titkejjel mill-Financial Indicator li suppost skond il-Financial Regulations trid ikun 10% tal-Allokazzjoni Annwali tal-Kunsill. Dan il-Kunsill din is-sena rnexxilu jerġa jiġi fil-pożittiv. Il-Kunsill temm is-sena 2018 b'Financial Indicator ta' madwar 94%.

iv. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li għal sena oħra reġa ma sarux l-Financial Statements tal-5 aside ground. Apparti minnhekk dħul mhux qed ikun hemm filwaqt li l-Kunsill Lokali qiegħed waħdu jħallas il-kontijiet fosthom tal-Arms. Dawn il-kontijiet u spejjeż oħra li jista jkun hemm suppost jitħallsu 50% il-Kunsill Lokali u 50% Cassar Ship Repair.

v. L-Accountant staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm xi domandi.

vi. Ladarba ma kienx hemm iktar mistoqsijiet, is-Sindku s-Sur Paul Farrugia rringrazzja *lill-Accountant*, is-Sur Ramon Cutajar ta' l-ispjega dettaljata li ta fuq Unaudited Financial *Statements għas-sena 2018.*

vii. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li *l-unaudited financial statements* għas-sena 2018 jiġu approvati kif ippreżentati. Il-Kunsilliera kollha preżenti vvutaw kollha favur. *L-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2018 ġew approvati.

3 **Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fil-17:30pm.

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**